**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Lulju 2025**

**Rikors guramentat nru : 85 /2023 AGV**

**AGC**

**v.**

**JG C**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' AGC datat 12 ta' Lulju 2024;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fid-29 ta' Ġunju 2017, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom tifla minuri JU GC ;

1. Illi mill-imsemmija data taż-żwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi kif din l-Onorabbli Qorti hija ben konsapevoli tas-sitwazzjoni tal-partijiet u li ż-żwieġ tal-kondententi sfaxxa u huma qed jgħixu ħajja separati minn xulxin wara li hija sfat vittma ta' abbuż mill-intimat;

3. Illi l-esponenti tixtieq li tiġi terminati l-Komunjoni tal-Akkwisti stante li dan għandu jġib benefiċċju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma' tagħmel dejn li tiġi attribwita lill-Komunjoni, iżda ukoll tkun tgħin sabiex l-esponenti tirriakkwista id-dritt illi tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u/jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-oħra;

4. Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, b'dan illi m'hu se jinħoloq l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-intimat. Illi filfatt tali preġudizzju ser jinħoloq jekk il-Komunjoni tal-Akkwisti tibqa' eżistenti bejn il-partijiet;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Salv kull provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

**Rat ir- Risposta ta' JGC ghar-rikors ta' AGC tat-12 ta` Lulju 2024, datata 31 ta' Lulju 2024,**

Jesponi bir-rispett;

Illi permezz tar-rikors odjern , l-attrici talbet il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijiet b`konsegwenza taz-zwieg taghhom;

Illi l-attrici hatfet lil-minuri taht idejha ghax taf kemm hi ghal qalb l-intimat u ghamlet minn kollox sabiex kisritu. L-attrici kissret lill-intimat kemm b`mod psikologiku kemm b`mod emottiv, kif ukoll finanzjarjament;

Illi l-attrici kienet ilha tippjana s-separazzjoni u ppreparat l-azzjonijiet taghha billi bdiet minn sena qabel taghmel rapport wiehed wara l-iehor u tiehu l-vidjos tal-intimat, taghmel allegazzjonijiet invertierali wasslu lill-intinmat jigi paranoid u jirrekordja kollox;

Illi l-intimat tkisser psikologikament u zbalja quddiem din l-Onorabbli Qorti izda llum nduna b`dan kollu u rriforma ruhu;

Illi madanakollu l-attrici hadet kemm setghet flus kontanti mid-dar matrimonjali qabel ma telqet bil-minnri u dan kif ser jigi ppruvat fl-istadju tal-provi tal-intimat, inoltre' ghalkemm taf li m' ghandix sehem mill-propjeta' li l-intimat xtara fiz-zwieg bi flus derivati minn wirt, hija tibqa tissielet sabiex tiehu dak li ma jghajjatx lilha;

Illi din tkompli tikkonferma l-attitudni tal-attrici li trid biss tigbed lejha. Waqt iz-zwieg kienet kuntenta bil-komunjoni ghaliex gawdiet fuq li gawdiet, fi zmien anke fejn kien jahdem biss l-intimat. Issa li l-intimat gie f`sitwazzjoni fejn ghandu bzonn lil haddiehor , trid li twaqqaf il-komunjoni.

Illi li kieku l-procedri mxew skont il-ligi nostrana, l-attrici terfa l-piz finanzzjarju hi u thallas is-self kollu f`dan iz-zmien fejn l-intimat intlef. Imma l-attrici rat biss l-interess taghha tas-self tant li missier l-intimat ghamel tajjeb ghall-ibnu f`dawn kien assuma l-rwol ta' garanti ghas-self;

Illi fir-rikors taghha li qed tibza' minn xi dejn li l-intimat seta'  ghamel li ma kienx waqt l-fatt li minkejja li talbet lil din l-Onorabbli Qorti tizgombra lill-intimat mid-dar matrimonjali, hija qatt ma regghet raqdet mqar lejl wiehed fil-fond. Abbandunat kollox fid-dar il- hsarat tal-ilma li kien hemm u li l-intimat kien qed jirranga propju fil-granet ta' qabel ma gie zgumbrat; abbandunat il-kontijiet kollha tal-utilitajiet issa hemm l-arretrati u l-interessi ghaddejjin fuqhom. Isaa qed titlob l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti wara li kkawzat dan id-dannu kollu!

Illi l-attrici ma qaletx li l-agir  malizzjuz taghha waqt tali separazzjoni wassal sabiex in-negozju li kien jiggestixxi  l-intimat spicca biex falla b`dannu ghall-intimat. Issa l-attrici donnha qed tippretendi li tahsel idha minn kollox u taqbad hajja gdida hielsa mill-inkwiet kollu li kkagunat;

Illi saru diversi tentattivi sabiex jigi ceduti l-proceduri odjerni izda l-ebda ftehim ma ntlahaq minhabba l-kilba tal-attrici li trid taghmel profitt tajjeb minn fuq l-intimat. Tant hu hekk illi l-attrici tippretendi li l-intimat jiehu l-istess ammont li hu investa fil-fond matrimonjali ghaxar snin ilu . mela l-intimat li nvesta gildu jiehu l-istess ammont ta' ghaxar snin ilu u l-attrici li dahlet ghaz-zwieg ta' fuqha senduqha ma hargetx xejn u ghad-dar matrimonjali, taghmel profitt gmielu;

Illi il-gurnata   wara numru ta' xhur gewwa l-habs fuq arrest preventiv, l-intimat qieghed jerga jibni mill-gdid bis-sahha ta' familtu;

Illi stante li l-partijiet xorta mexjin lejn separazzjoni personali taghhom, l-intimat jaqbel li jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti izda bir-rispett jissottometti illi kull dannu u dejn li sar b`negligenza u traskuragni tal-attrici meta

abbandunat kollox li ghandu x`jaqsam mad-dar matrimonjali ghandha ggorru l-istess attrici;

Illi l-attrici talbet l-izgumbrament tal-intimat mid-dar matrimonjali b`mod malizzjuz ghall-ahhar u dan ghax kienet taf li m'ghandix intenzjoni tkompli tirrisjedi hemm. Il-fond matrimonjali ilu maghluq b`hadd ma jirrisjedi fih ‘il fuq minn sena ormai bil-kontijiet li jaslu njorati.

Illi l-intimat jittama li din l-Onorabbli Qorti tara li filwaqt li l-attrici tilghabha tal-qaddisa waqt is-seduti ghamlet hafna sabiex l-intimat wasal fl-istat pjettuz li kien fih. Filwaqt li l-intimat aggixxa kif aggixxa frott ir-rabja u l-ugiegh li kellu. Mhux gust li l-attrici tkompli tniggez u tkisser lill-intimat billi tghid li kien hemm abbuz daparti tieghu meta ma kienx hemm u billi tkompli tbieghed lill-intimat mill-minuri u mill-familtu.

Daqstant ghandu x`jissottometti l-intimat f`dan l-istadju ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti

**IKKUNSIDRAT:**

Illi t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni maghmula mill-attrici fl-atti tas-separazzjoni tidher li mhix opposta mill-konvenut. Ghalkemm fir-risposta tieghu jaghti spjegazzjoni ta' fatti illi graw bejn il-partijiet, u ghalkemm ghamilha cara illi hu ma jaqbilx mal-fatti kif esposti mill-attrici, madankollu hu jikkonkludi r-risposta tieghu illi “jaqbel li jkun hemm il-waqfien tal-komunjoni”. Huwa tajjeb

li f'dan l-istadju l-Qorti tipprova tfisser fi kliem car l-effetti tal-waqfien tal-komunjoni. Dawn l-effetti essenzjalment huma tnejn. Fl-ewwel lok, mid-data tas-sentenza 'l quddiem, kull parti tista tixtri proprjeta' f'isimha minghajr ma din tidhol tifforma parti mill-komunjoni. Fit-tieni lok, dik il-proprjeta' li kienet hekk tifforma l-komunjoni tal-akkwisti sad-data tas-sentenza, tibqa' tezisti bhala entita' separata, u tigi likwidata biss mas-sentenza finali. Huwa biss f'dak l-istadju li l-komunjoni tinqasam bejn il-partijiet, b'riserva ghal kull kreditu spettanti lil parti jew ohra.

Ghalhekk, b'din is-sentenza, qieghed jigi dikjarat li bejn il-partijiet m'ghadx hemm ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu, kif gia' spjegat, il-komunjoni ma tkunx giet likwidata izda tibqa' tezisti sa ma tigi diviza fis-sentenza finali.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBA.

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Antonio G Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**